MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 133/2010

**Nazzareno sive Reno Fenech**

**Vs**

**Reuben Mifsud .**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tlieta w ghoxrin (23) t'April 2010, permezz ta' liema l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' disa' telef hames mija tnejn u tmenin Euro (€9,582) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' tmint elef erba mija w sitta w erbghin Euro (€ 8,446) ammont dovut minnu bhala kera ghal perijodu ta' bejn l-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u l-wiehed u tletin (31) ta' Otubru tas-sena elfejn u disgha (2009) naxxenti minn ftehim ta' kera datat tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) kopja ta' liema hija esebita u markata bl-ittra 'A' permezz ta' liema l-konvenut ha b'kera

minghand l-attur il-fond garage bin-numru disgha u erbghin (49) maghruf bl-isem 'The Trucker', fi Triq Luret Calleja, Zebbug Malta, u in kwantu ghas-somma ta' elf, mija sitta u tletin Ewro (€1,136) bhala danni konsistenti f'telf ta' kera kkawzati mill-konvenut lill-attur in vista ta' ksur da parti tieghu tal-ftehim fuq imsemmi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-6 ta' April 2009 annessa u markata bl-ittra 'B' u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta tal-Marixxal Mark Dimech nhar it-3 ta' Mejju 2010, a fol. 7 *tergo* tal-process.

Illi fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2010 l-attur ipprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2010 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-attur tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-attur tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.**

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill- konvenut Reuben Mifsud ihallas lill-attur Nazzareno sive Reno Fenech, is-somma ta' disat elef hames mija tnejn u tmenin Ewro (€9,582) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------